MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 144/2021 LM

**Daniele Ramella Pollone (K.I. 0187196A)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**3DZ Franchising Limited (C 55584)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **3DZ Franchising Limited (C 55584)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-12 ta' Novembru, 2021, fejn iddeċieda li ladarba s-soċjetà intimata għadha legalment kostitwita f'Malta u ma saritx id-dereġistrazzjoni tagħha għal raġunijiet validi fil-liġi, it-Tribunal huwa l-istruttura legali

awtorizzata biex tisma' u tiddeċiedi każijiet bħal dawn, u għalhekk iddeċieda li huwa awtorizzat biex jisma' dawn il-proċeduri. L-appellanta spjegat li wara li ngħatat din id-deċiżjoni, hija talbet lit-Tribunal jagħtiha d-dritt li tressaq appell quddiem din il-Qorti mill-istess deċiżjoni preliminari, u dan id-dritt ingħata.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent kien istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fejn spjega li huwa kien impjegat fuq bażi *full-time* mas-soċjetà intimata bħala *digital marketing manager* skont kuntratt ta' impjieg datat it-8 ta' Jannar, 2018. Qal li fil-bidu tas-sena 2020 huwa kien ġie infurmat li l-kumpannija kienet ser tiġi amalgamata ma' diversi kumpanniji sabiex jiffurmaw kumpannija waħda rreġistrata u bbażata l-Italja taħt il-liġi Taljana. Ir-rikorrent qal li għall-bidu huwa ġie infurmat li ma kienx ser ikun hemm tibdil fl-impjieg tiegħu, u li hu seta' jkompli jaħdem minn Malta *ai termini* tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Kompla jgħid li kien biss f'Settembru tal-2020, li l-impjegati reġgħu semgħu dwar dan il-*merger,* u matul laqgħa li damet biss għoxrin minuta, huma ġew mgħarrfa verbalment li l-kumpannija Maltija kienet ser tagħlaq, u li l-uniku mod kif l-impjegati setgħu jżommu x-xogħol tagħhom kien billi jirrilokaw l-Italja. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma rċieva ittra uffiċjali sabiex jibqa' impjegat mal-kumpannija, u lanqas ma ngħata informazzjoni adegwata jew ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar il-futur tiegħu, u kien biss wara li ppressa lis-soċjetà intimata li huwa ġie mgħarraf verbalment li mhux talli kien ser ikollu jiffirma kuntratt ta' impjieg ġdid, talli kien ser jiġi *demoted* minn *digital marketing manager* għal *marketing executive,* u kien ukoll ser jitħallas

paga anqas, fejn kien ser jonqos fis-salarju tiegħu madwar €4,000 fis-sena. Qal li għalhekk is-soċjetà intimata qarrqet bl-impjegati tagħha, billi din mhux talli ma żammitx kelmitha li l-impjegati kienu ser jibqgħu ingaġġati bl-istess kundizzjonijiet, talli lanqas kien fi ħsiebha żżomm lill-impjegati taħt l-istess kuntratt ta' xogħol, jew taħt il-ġurisdizzjoni Maltija, u dan minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 452.103. Ir-rikorrent spjega li fit-30 ta' Novembru, 2020 huwa rċieva ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg, u malli rċieva din l-ittra huwa mill-ewwel għarraf lis-soċjetà intimata permezz ta' *email* dakinhar stess, fejn infurmaha li l-kontenut tal-ittra mhuwiex minnu, u li s-soċjetà intimata kienet qegħda tagħmel dikjarazzjonijiet foloz. Qal li bħala tweġiba s-soċjetà intimata bagħtitlu ittra qasira fejn infurmatu li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'erba' ġimgħat *notice.* Ir-rikorrent qal li kuntrarjament għal din l-ittra li ntbagħtet lilu, id-dokument ta' amalgamazzjoni transkonfinarja li ġie ppreżentat lir-Reġistru tal-Kumpanniji mis-soċjetà intimata jgħid illi "*There are no repercussions to employment upon the cross-border merger taking place, because all employees of the merging companies will retain their employment with the new company in the respective jurisdictions where they are currently based."* Ir-rikorrent qal li fil-verità huwa la tħalla jkompli bil-ħidma tiegħu minn Malta, u lanqas tħalla jaħdem bl-istess kuntratt, u għalhekk ma ngħatax għażla billi l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Qal ukoll li għalhekk jidher li s-soċjetà intimata ma mxietx b'mod ġust u onoruż, u b'hekk it-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta, u mhux abbażi ta' *redundancy* kif titlob il-liġi.

**Mertu**

3. Permezz tat-talbiet tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab sabiex il-proċeduri intavolati minnu jinstemgħu kontestwalment mal-proċeduri bir-rikors numru 143/2021, kif ukoll talab lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, jiddikjara li r-rikorrent għandu jingħata kumpens xieraq mis-soċjetà intimata għal din it-tkeċċija, u jillikwida l-kumpens xieraq li għandu jitħallas lir-rikorrent, filwaqt li jordna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrent. Flimkien mar-rikors promutur, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' impjieg datat il-15 ta' Jannar, 2018, kopja tal-*addendum* għall-kuntratt tal-impjieg, kopja tal-ittra ta' terminazzjoni tat-30 ta' Novembru, 2020, kopja tal-*email* tat-30 ta' Novembru, 2020, u kopja tal-ittra tan-*notice* tat-30 ta' Novembru, 2020.

4. Fir-risposta tagħha s-soċjetà intimata wieġbet li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur, u dan minħabba l-amalgamazzjoni li saret mal-kumpannija Taljana 3DZ s.p.a. Żiedet tgħid li *ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.103 (Regolamenti dwar l-Involviment tal-Impjegati (Mergers Transkonfini ta' Kumpanniji ta' Responsabbilità Limitata)), id-drittijiet u l-obbligi riżultanti minn kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg bejn impjegati ta' kumpanniji li qed jingħaqdu, u l-kumpanniji li qed jingħaqdu u li jkunu jeżistu fid-data meta jsir il-*merger* transkonfini, għandhom jiġu ttrasferiti lill-kumpannija li tirriżulta mill-*merger* transkonfini fid-data meta l-*merger* transkonfini jseħħ. Qalet li s-soċjetà 3DZ Franchising Limited għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Żiedet tgħid li mingħajr preġudizzju għal dan, l-allegazzjoni tar-rikorrent li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu hija waħda inġusta, hija infondata fil-fatt u fid-

dritt, u r-raġuni għat-tkeċċija tar-rikorrent hija waħda valida, korretta u skont il-liġi, u għalhekk timmerita li tiġi kkonfermata. Qalet ukoll li mhux minnu li r-rikorrent ma ngħatax informazzjoni adegwata jew li ma ġiex mgħarraf bid-drittijiet tiegħu sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar il-futur tiegħu, kif allega. Qalet li l-impjegati tagħha dejjem kellhom l-informazzjoni kollha relattiva għall-*merger* u għall-impjieg tagħhom, u dawn dejjem inżammu aġġornati bl-iżviluppi kollha. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li r-rikorrent kien ġie mgħarraf ukoll li minħabba l-pandemija Covid-19 l-operat tagħha f'Malta kien ser jittermina, u li r-rikorrent seta' jagħżel li jibqa' impjegat mas-soċjetà l-ġdida 3DZ S.P.A. fl-Italja taħt l-istess kundizzjonijiet. Qalet ukoll li mhux minnu li r-rikorrent kien ser jiġi *demoted* jew ser jingħata paga inqas. Is-soċjetà intimata spjegat li filwaqt li kien hemm numru ta' impjegati li komplew bl-impjieg tagħhom mas-soċjetà l-ġdida fl-Italja, is-soċjetà 3DZ Franchising Limited għenet u offriet sostenn lil dawk l-impjegati li ma xtaqux jaħdmu fl-Italja sabiex isibu xogħol alternattiv. Qalet li minkejja l-offerta u l-għajnuna li ġiet offruta lir-rikorrent, dan naqas milli jagħti risposta lis-soċjetà 3DZ Franchising Limited, sakemm finalment seħħ dak li r-rikorrent kien ġie mgħarraf li ser iseħħ, jiġifieri li l-impjieg tiegħu f'Malta ġie tterminat abbażi ta' *redundancy.* Qalet li min-naħa tagħha hija ma kienx fadlilha xogħol għall-impjegati tagħha minn hawn Malta, u waqt li r-rikorrent kien għadu impjegat u jirċievi paga mingħandha, dan kien qiegħed jaħdem bir-riżorsi tagħha għall-interess tiegħu personali. Finalment is-soċjetà intimata eċċepiet li l-artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 452.103 ma jipprovdix li b'riżultat tal-*merger* l-impjieg tar-rikorrent kellu jinżamm taħt il-ġurisdizzjoni Maltija, u temmet tgħid li għalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

5. **Dr Edward Dalmas**, avukat, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kien ingaġġat mis-soċjetà intimata biex jassisti bil-*cross-border merger* bejnha u ħames kumpanniji Taljani. Spjega li *cross-border merger* iseħħ bejn kumpanniji rreġistrati f'aktar minn pajjiż wieħed, f'dan il-każ Malta u l-Italja, u meta l-kumpanniji ngħaqdu flimkien, dawn iffurmaw kumpannija waħda 3DZ s.p.a., li ġiet irreġistrata fil-*Camera di Commercio* ta' Treviso-Belluno fit-22 ta' Jannar, 2021. Qal li għalhekk minn din id-data, il-kumpannija 3DZ s.p.a. kisbet personalità distinta u bħala konsegwenza ta' dan il-*merger* il-kumpanniji Taljani kollha nqatgħu mir-Reġistru Taljan. Spjega li l-liġi Maltija u l-liġi Taljana dwar il-*cross-border mergers* huma bbażati fuq il-liġi tal-Unjoni Ewropea, u qal li l-*cross-border merger* jeħtieġ l-intervent tar-Reġistratur tal-Kumpanniji f'Malta u tal-awtorità relattiva fl-Italja. Spjega li l-liġi Maltija tirrifletti l-artikolu 14 tad-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru, 2005, u għalhekk il-Kamra tal-Kummerċ Treviso-Belluno, kif rat li kien hemm dan il-*merger* u ġiet iffurmata l-kumpannija 3DZ s.p.a., qatgħet il-ħames kumpanniji Taljani minn fuq il-lista. Ix-xhud qal li *cross-border merger* jinvolvi għadd ta' formalitajiet, u meta dawn jiġu kkompletati, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jippubblika avviż f'gazzetta ta' kuljum u fuq il-*website* tal-Malta Business Registry, liema avviż f'dan il-każ kien jgħid illi:

> *"Any party interested in the abovementioned Maltese merging company or companies is advised that unless objection is lodged, by sworn application in terms of Regulation 13 of the Regulations, upon the lapse of three months from the notice referred to in Regulation 12(2) of the Regulations, the Registrar shall, in accordance with Regulation 14 of the Regulations, issue a Cross-Border Pre-Merger Certificate conclusively attesting to the proper completion of the pre-merger acts and formalities."*

6. Ix-xhud spjega li għalhekk impjegat kellu tliet xhur biex jikkontesta l-*cross-border merger* permezz ta' rikors ġuramentat, u f'dan il-każ hekk kif skadew dawn it-tliet xhur, fit-28 ta' Diċembru, 2020 ir-Reġistratur tal-Kumpanniji pproċeda bil-ħruġ tal-*pre-merger certificates*, u spjega li dawn iċ-ċertifikati juru li l-kumpannija indikata kkompletat l-atti u l-formalitajiet kollha marbuta mal-*pre-merger.* Kompla jispjega li dawn iċ-ċertifikati ġew ippreżentati anki lill-awtorità tal-pajjiż fejn ser tiġi ffurmata l-kumpannija l-ġdida, u f'każ li l-*cross-border merger* ser iwassal biex il-kumpannija l-ġdida tiġi stabbilita fl-Italja, il-*Pre-Merger Certificates* għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet Taljani relattivi, f'dan il-każ lil Nutar u lill-Camera di Commercio. Qal li huwa b'dan il-mod li l-awtoritajiet Taljani jkunu jafu li l-proċess hawn Malta sar b'mod korrett. Qal ukoll li hekk kif jiġu sottomessi dawn il-*Pre-Merger Certificates,* in-Nutar fl-Italja jipproċedi bir-reġistrazzjoni tal-kumpannija l-ġdida fil-Camera di Commercio, u dan huwa dak li ġara fil-każ ta' 3DZ s.p.a. Ix-xhud spjega li l-parti finali tal-*cross-border merger* hija li r-Reġistratur tal-Kumpanniji hawn Malta jiġi nfurmat bir-reġistrazzjoni tal-kumpannija fl-Italja u jiġi pprovdut bl-evidenza, għaliex il-kumpannija Maltija tista' tieqaf teżisti biss jekk il-kumpannija proposta fl-Italja tkun ġiet iffurmata. Qal li jekk il-kumpannija proposta għal xi raġuni ma tiġix iffurmata, il-kumpannija Maltija tibqa' attiva u tibqa' mwaħħla fil-*pre-merger stage.* Qal li f'dan il-każ, il-kumpannija l-ġdida 3DZ s.p.a. ġiet iffurmata fit-22 ta' Jannar, 2021, u għalhekk il-kumpanniji kollha li bdew jiffurmaw parti minn dan il-*merger,* waqfu jeżistu. Ix-xhud temm jgħid li ir-Reġistratur tal-Kumpanniji f'Malta ġie infurmat bil-formazzjoni tal-kumpannija 3DZ s.p.a. fit-2 ta' Frar, 2021.

7. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal ix-xhud Dr Edward Dalmas spjega li f'dan il-każ kienet saret *cross-border merger* u kien hemm madwar ħames kumpanniji involuti, fejn il-kumpannija Maltija ngħaqdet ma' ħames kumpanniji Taljani, sabiex b'hekk ġiet iffurmata kumpannija waħda. Qal ukoll li s-soċjetà intimata għalhekk kienet telqet minn Malta. Ix-xhud spjega li l-kumpannija ġdida li ġiet iffurmata hija meqjusa bħala kumpannija Taljana, u hija regolata mil-Liġi Taljana. Ix-xhud spjega li l-kumpannija ġiet kostitwita permezz ta' att notarili, u ġiet irreġistrata fil-*Camera di Commercio* ta' Treviso-Belluno fl-Italja. Ix-xhud spjega li għalhekk il-kumpannija Maltija m'għadhiex teżisti għaliex ġiet assorbita mill-kumpannija Taljana li ġiet iffurmata.

8. Xehed ukoll **Joseph Farrugia**, Reġistratur u CEO tal-Malta Business Registry, li qal li l-kumpannija 3DZ Franchising Limited qegħda fil-proċess li tiġi amalgamata u għalhekk qegħda fil-proċess li tinqata' mir-Reġistru. Ix-xhud qal li l-*cross-border merger* ġie ppreżentat f'Lulju tal-2020 u rreġistrat fil-5 t'Awwissu, 2020, u meta l-MBR irċeviet ir-riżoluzzjoni u l-istrument tal-*cross-border merger,* ġie ippubblikat avviż f'ġurnal lokali u fuq il-*website* tal-MBR. Qal li l-partijiet interessati kelhom żmien tliet xhur biex joġġezzjonaw għal dan il-*merger,* u għalhekk dan kellu jsir effettiv mill-25 ta' Diċembru, 2020. Qal li l-*pre-merger certificate* ħareġ fit-28 ta' Diċembru, 2020, u l-MBR talab lis-soċjetà intimata tipprovdilu ċertifikat li jgħid li hija tista' tinqata' minn fuq ir-Reġistru sabiex toħroġ barra minn Malta. Qal li sadanittant, l-MBR irċeviet għadd ta' oġġezzjonijiet għal dan il-*merger,* u għalhekk il-proċedura biex il-kumpannija tinqata' minn fuq ir-Reġistru ġiet sospiża. Ix-xhud temm jgħid li s-soċjetà intimata għadha tidher fuq ir-Reġistru Malti. Għad-domandi li sarulu in kontro-

eżami, ix-xhud spjega li l-*pre-merger certificate* ħareġ sabiex il-kumpannija l-ġdida setgħet tiġi rreġistrata, filwaqt li l-kumpannija li ser tiġi akkwistata tkun tista' tinqata' minn fuq ir-Reġistru. Ix-xhud spjega li l-impjegati jingħataw ħafna importanza fi *cross-border mergers,* u f'dan il-każ huwa kien iddetermina li s-soċjetà intimata naqset milli tosserva l-jeddijiet tal-impjegati tagħha, u in vista ta' dan huwa kien waqqaf il-proċess tat-tħassir tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru.

## Is-Sentenza Appellata

9. Permezz tad-deċiżjoni preliminari mogħtija fit-12 ta' Novembru, 2021, it-Tribunal iddeċieda li huwa għandu l-kompetenza li jkompli jisma' l-ilment tar-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Introduzzjoni***

*Fis-seduta tat-Tribunal Industrijali tal-15 ta' Ottubru, 2021 il-partijiet kienu f'diverġenza dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jisma' u jiddeċiedi dawn iż-żewġ każijiet identiċi minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' "merger" li allegatament seħħ bejn kumpannija reġistrata f'Malta, 3DZ Franchising Limited, ma' kumpanniji Taljani reġistrati fl-Italja, liema "merger" hu allegat li sar fl-Italja biex tiġi ffurmata kumpannija ġdida bl-isem ta' 3DZ S.P.A. f'Castelfranco, il-Veneto, l-Italja.*

*It-Tribunal;*

- *Ra d-dokument "Deed of Merger" Italian Republic Volume nr 22174 file nr 15015 datat 15 ta' Jannar, 2021 li kien maqlub għal-lingwa Ingliża mis-soċjetà konvenuta 3DZ Franchising Limited (C 55584),*
- *Ra l-liġi sussidjarja nr 415 "Cross Border Merger of Limited Liability Companies regulations" 2007,*
- *Ra l-liġi sussidjarja nr 452.103 "Employee Involvement (Cross-Border Mergers of Limited Liability Companies) Regulations",*
- *Sema' u kkonsidra x-xhieda tar-Reġistratur u CEO tal-Malta Business Registry, is-Sur Joseph Farrugia,*

- *Jinnota li prima facie l-entità kummerċjali l-ġdida tidher reġistrata l-Italja imma mhix de-reġistrata jew imħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji ta' Malta,*
- *Jinnota li din id-de-reġistrazzjoni kienet sospiża għaliex l-MBR irċeviet oġġezzjoni għall-"merger" mingħand ir-rikorrenti Daniele Ramella Pollone u Luca d'Urbano,*
- *Jinnota li din l-istess oġġezzjoni tittratta direttament id-drittijiet tagħhom bħala impjegati ta' 3DZ Franchising Limited u fl-istess ħin ukoll l-obbligi kontrattwali ta' impjieg li s-soċjetà konvenuta għandha ma' dawn iż-żewġ impjegati,*
- *Jinnota b'mod partikolari x-xhieda tar-Reġitratur u CEO tal-MBR meta stqarr li "...* because up to now it is suspended, so it is still on our register, it is not yet struck off." So, once it is completely struck off all the assets will pass to the new company" *– pg 14 tas-seduta 15 ta' Ottubru, 2021,*
- *Jinnota li kien hemm konferma oħra mis-Sur Farrugia għall-mistoqsija tat-Tribunal dwar jekk il-kumpannija 3DZ Franchising Limited għadhiex legalment kostitwita f'Malta. Ir-risposta kienet "*Yes, because it is being in the process and it is still on our register and we are awaiting for the conclusion of the outcome of ..." *– pg 13 tas-seduta 15 ta' Ottubru, 2021,*
- *Jinnota l-emfasi li s-Sur Farrugia għamel dwar l-implikazzjonijiet legali ta' min jaħdem u ta' min iħaddem meta n-natura tal-mudell tan-negozju jinbidel jew ikun se jinbidel,*
- *Jinnota l-letteratura legali marbuta mas-suġġett fejn b'mod konsistenti jinkiteb li "*employees' interest are central to the operation of the EU regulations and therefore relevant at every stage of the merger process",
- *Jirrimarka li dawn id-drittijiet u obbligi marbuta mal-impjieg huma ampjament koperti mil-liġi 452 u l-liġijiet sussidjarji li joħorġu minnha,*
- *Ifakkar li dawn il-liġijiet li huma intenzjonati li jħarsu r-relazzjoni bejn l-impjegati u min iħaddem, anki jekk il-mudell tan-negozju jibdel jew ikun se jinbidel,*
- *Ifakkar li dan it-Tribunal għandu l-obbligu u l-awtorità li jisma' u jiddeċiedi każijiet dwar problemi marbuta ma' relazzjoni bħal din.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u transcripts u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li ladarba l-kumpannija 3DZ Franchising Limited għadha legalment kostitwita f'Malta u li de-reġistrazzjoni tagħha*

*ma sarx għal raġunijiet validi fil-liġi 452, allura t-Tribunal huwa l-istruttura legali awtorizzata biex tisma' u tiddeċiedi każijiet bħal dawn u għaldaqstant tiddeċiedi u taqta' li t-Tribunal huwa kompetenti biex ikompli jisma' ż-żewġ każijiet 3964 u 3965. Għalhekk il-proċeduri jkomplu."*

## L-Appell

10. Is-soċjetà intimata appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-23 ta' Novembru, 2021, fejn elenkat tliet aggravji ewlenin.

11. Fl-ewwel lok, is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata għaliex l-ewwel eċċezzjoni tagħha hija waħda purament legali u teknika, li tikkonċerna interpretazzjoni ta' fatti u ta' liġi dwar *cross-border mergers,* fejn qed jingħad li ladarba seħħet din il-*cross-border merger* bejn kumpanniji Taljani u kumpannija Maltija, kull relazzjoni industrijali li kienet teżisti fid-data meta seħħ il-*merger* transkonfini, ġiet trasferita lill-kumpannija l-ġdida li rriżultat minn dan il-*merger.* Qalet li għalhekk it-Tribunal kellu jidħol fi kwistjonijiet li jittrattaw punti legali speċjalizzati, bħal per eżempju, jekk seħħx il-*merger* transkonfini jew le, u jekk ir-Reġistratur tal-Kumpanniji kienx korrett meta waqqaf il-proċess ta' dereġistrazzjoni tas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma daħalx fil-kwistjoni tal-kompetenza *o meno* tiegħu fir-rigward ta' kif inhu kompost, iżda daħal direttament fil-mertu tal-eċċezzjoni u ta l-interpretazzjoni tiegħu fir-rigward tal-*cross border merger,* li wasslet għal deċiżjoni li fil-fehma tas-soċjetà appellanta hija waħda legalment żbaljata. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ewwel aggravju tagħha għalhekk jiċċentra madwar il-fatt li d-deċiżjoni li ngħatat ma tikkonċernax il-kompetenza

tat-Tribunal kif kompost, iżda ngħatat deċiżjoni dwar kwistjoni li t-Tribunal ma kienx mitlub jiddeċiedi dwarha f'dan l-istadju. Qalet li l-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal kellu jiddeċiedi dwar jekk huwiex kompetenti, kif kompost, sabiex jgħaddi biex jevalwa u jiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni dwar l-effetti tal-*cross-border merger,* u jekk is-soċjetà appellanta hijiex il-leġittimu kontradittur. Qalet li t-Tribunal ma setax jgħaddi biex jiddeċiedi dwar l-istess eċċezzjoni jekk fl-ewwel lok kellha tiġi stabbilita l-kompetenza tal-istess Tribunal, partikolarment meta l-partijiet lanqas biss ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar din l-eċċezzjoni. L-appellanta sostniet li t-Tribunal f'dan il-każ kellu jiddeċiedi dwar jekk huwiex kompetenti biex jddeċiedi l-eċċezzjoni in kwistjoni, tant hu hekk li l-partijiet ma ressqux sottomissjonijiet dwar l-istess eċċezzjoni, iżda sussegwentement dawn ġew sorpriżi bid-deċiżjoni li ngħatat, li tittratta proprju l-mertu tal-eċċezzjoni.

12. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, is-soċjetà appellanta permezz tat-tieni aggravju tagħha tgħid li t-Tribunal kif kompost mhux kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta spjegat li ċ-*Chairman* li qiegħed jippresjedi t-Tribunal m'għandux *background* legali, imma minkejja dan, iddeċieda dwar kwistjoni legali kumplessa u speċjalizzata li lanqas tikkonċerna materja ta' natura industrijali. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li dan wassal biex ingħatat deċiżjoni erronja, fl-ewwel lok in kwantu din ma tittrattax dak li t-Tribunal kellu jiddeċiedi dwaru, u fit-tieni lok id-deċiżjoni mogħtija hija waħda żbaljata għaliex hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet legali skorretti.

13. Fit-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li d-deċiżjoni appellata mhijiex legalment korretta, u t-Tribunal applika l-liġijiet relattivi għall-fatti b'mod skorrett. Is-soċjetà appellanta elenkat il-fatti b'mod kronoloġiku u spjegat li l-proċess ta' *cross border merger* jinvolvi għadd ta' formalitajiet sabiex jiġi kompletat, fosthom li r-Reġistratur tal-Kumpanniji ta' Malta kien ħareġ avviż fil-gazzetta *Times of Malta* fil-25 ta' Settembru, 2020.[1] Żiedet tgħid li permezz ta' ittra tat-30 ta' Novembru, 2020, jiġifieri entro t-terminu ta' tliet xhur sabiex jitressqu l-oġġezzjonijiet għal dan il-*merger,* is-soċjetà appellanta infurmat lir-rikorrent li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'effett mit-28 ta' Diċembru, 2020. Kompliet tgħid li minkejja din l-ittra ta' terminazzjoni, ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni permezz ta' rikors ġuramentat għall-*cross-border merger* in kwistjoni fit-terminu indikat, u għalhekk ir-Reġistratur ipproċeda biex ħareġ il-*Pre-Merger Certificate* fit-28 ta' Diċembru, 2020. Qalet ukoll li wara li ħareġ dawn il-*Pre-Merger Certificate,* sar att pubbliku notarili fl-Italja fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sicari fil-15 ta' Jannar, 2021, li permezz tiegħu sitt kumpanniji, ħamsa fl-Italja u dik intimata, ġew amalgamati f'kumpannija waħda ġdida fl-Italja bl-isem 3DZ s.p.a. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li l-kumpannija l-ġdida ġiet reġistrata fit-22 ta' Jannar, 2021, kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' *good standing* maħruġ mill-*Camera di Commercio* ta' Treviso-Belluno fl-Italja, u spjegat li hemm konsegwenzi *ai termini* tar-Regolament 18(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 386.12 intitolata *Cross-Border Mergers of Limited Liability Companies Regulations.* Is-soċjetà appellanta spjegat li l-ħames soċjetajiet

---

[1] Testwalment dan l-avviż kien jaqra hekk *"Any party interested in the abovementioned Maltese merging company or companies is advised that unless objection is lodged, by sworn application in terms of Regulation 13 of the Regulations, upon the lapse of three months from the notice referred to in Regulation 12(2) of the Regulations, the Registrar shall, in accordance with Regulation 14 of the Regulations, issue a Cross-Border Pre-Merger Certificate conclusively attesting to the proper completion of the pre-merger acts and formalities."*

Taljani li flimkien magħha ġew amalgamati f'soċjetà ġdida, ġew ikkanċellati mir-Reġistru Taljan fit-22 ta' Jannar, 2021, jiġifieri fl-istess ġurnata li fiha ġiet irreġistrata l-kumpannija l-ġdida 3DZ s.p.a. L-appellanta ċċitat ir-Regolament 18(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 386.12 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-*merging companies,* u żiedet tgħid li oltre għar-Regolament iċċitat, hemm ukoll l-artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.103. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li fis-26 ta' Jannar, 2021, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji ta' Malta ġie infurmat b'dan kollu, u għamlet riferiment għar-Regolament 17(6) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 386.12.[2] Is-soċjetà appellanta ssostni li dan ir-Regolament juri b'mod ċar li s-soċjetà appellanta m'għadhiex teżisti b'effett dirett u immedjat tal-*cross-border merger* u mhux b'effett tal-*istriking off* ta' isem il-kumpannija minn fuq ir-Reġistru. Is-soċjetà appellanta qalet li l-*istriking off* ta' isimha għadu ma seħħx għaliex fil-25 ta' Marzu, 2021, jiġifieri ferm wara t-tliet xhur sabiex jitressqu l-oġġezzjonijiet għall-*merger* in kwistjoni, u anki wara li ġiet iffurmata l-kumpannija l-ġdida fl-Italja, intbagħatet email lir-Reġistratur tal-Kumpanniji mir-rikorrent, li permezz tagħha talab lir-Reġistratur jissospendi l-proċess tal-*cross-border merger* sabiex tkun tista' titressaq din it-tilwima quddiem it-Tribunal Industrijali. Intqal ukoll li wara li r-rikorrent żamm lir-Reġistratur responsabbli f'każ li l-proċess tal-*cross-border merger* ma jiġix sospiż, ir-Reġistratur iddeċieda li kien ser jissospendi l-proċess u jistenna li jirċievi informazzjoni mingħand ir-rikorrent "*that the claim has been settled.*"

[2] Dan ir-Regolament jipprovdi li, "*When a Maltese merging company ceases to exist as a result of the cross-border merger, and the Registrar is notified by the registry of the Member State to whose jurisdiction the company resulting from the merger is subject, of the effective date of the cross-border merger, the Registrar shall cause without delay a notice to be published in the Gazette or on a website maintained by him, indicating that the cross-border merger has been completed and he shall strike the name of the Maltese merging company off the register and the provisions of article 401(1)(e) of the Act shall apply.*"

14. Is-soċjetà appellanta qalet li minn dawn il-fatti u Regolamenti kollha ma ġie meqjus prattikament xejn, u t-Tribunal ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq opinjoni, żbaljata skont is-soċjetà appellanta, tar-Reġistratur, li s-soċjetà appellanta għadha legalment kostitwita f'Malta, u kif ukoll fuq id-deċiżjoni, li skont is-soċjetà appellanta hija wkoll żbaljata, tar-Reġistratur li ddeċieda li ma jipproċedix bl-*istriking off* ta' isem is-soċjetà appellanta minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji, wara li rċieva talba mingħand ir-rikorrent appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li din it-talba waslet ferm wara t-terminu ta' tliet xhur mogħti fil-liġi, ma kinitx fil-forma rikjesta mil-liġi, jiġifieri mhux b'rikors ġuramentat, u waslet wara li kien diġà seħħ il-*cross-border merger,* u għalhekk wara li s-soċjetà appellanta ma kinitx baqgħet teżisti. L-appellanta qalet li kien ir-Reġistratur stess li fix-xhieda tiegħu kkonferma li t-talba jew oġġezzjoni tar-rikorrent ma saritx fit-terminu mogħti mir-Regolamenti. Is-soċjetà appellanta qalet li r-Reġistratur min-naħa tiegħu qabel u kkonferma wkoll li s-soċjetà l-ġdida 3DZ s.p.a. ġiet iffurmata u reġistrata fl-Italja, u b'konsegwenza ta' dan, id-drittijiet u l-obbligi tas-soċjetajiet preċedenti, ġew trasferiti lis-soċjetà l-ġdida li rriżultat minn dan il-*merger.* Is-soċjetà appellanta sostniet li *ai termini* tar-Regolamenti ċċitati minnha, ladarba r-Reġistratur ikkonferma li s-soċjetà l-ġdida ġiet iffurmata riżultat ta' *cross-border merger,* dak li kellu jagħmel ir-Reġistratur mingħajr dewmien kien li jipproċedi bil-qtugħ tas-soċjetà appellanta minn fuq ir-Reġistru. Żiedet tgħid li minkejja dan, l-*istriking off* baqa' ma seħħx, u dan mhux għaliex kien hemm xi talba jew oġġezzjoni da parti tar-rikorrent, għaliex din it-talba jew oġġezzjoni saret fil-25 ta' Marzu, 2021. Is-soċjetà appellanta qalet li r-Reġistratur donnu ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma pproċediex bl-*istriking off* għaliex ried jistenna l-eżitu tal-proċeduri li r-rikorrent qal li ried

jiftaħ quddiem it-Tribunal. Minkejja dan, l-obbligu tar-Reġistratur kien li jipproċedi bl-*istriking off* mingħajr dewmien, saħqet is-soċjetà appellanta.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li r-Reġistratur lanqas għandu l-poter jew il-kompetenza li jidħol fi kwistjoni ta' natura industrijali, u jwaqqaf dan il-proċess tal-*istriking off.* Fil-mument li s-soċjetà 3DZ s.p.a. ġiet iffurmata u reġistrata fl-Italja, is-soċjetà appellanta waqfet teżisti, u l-*istriking off* tagħha minn fuq ir-Reġistru hija formalità li kellha seħħ wara li l-kumpannija ma baqgħetx teżisti. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq fatturi li ma jirriżultawx mir-Regolamenti u lanqas m'huma fondati fil-fatt, bħal per eżempju l-konklużjoni tat-Tribunal li *prima facie* jidher li l-entità l-ġdida ġiet irreġistrata l-Italja, iżda mhux de-reġistrata jew imħassra mir-Reġistru ta' Malta. Is-soċjetà appellanta qalet li bħala fatt għandu jirriżulta li l-entità l-ġdida fil-fatt ġiet reġistrata, u dan ma jirriżultax biss *prima facie.* Qalet ukoll li mhuwiex korrett li jingħad li s-soċjetà l-ġdida trid tiġi de-reġistrata jew imħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji ta' Malta, u esprimiet dubji dwar kemm it-Tribunal fehem it-tifsira ta' *cross-border merger* in kwantu l-entità l-ġdida ma tiġix imħassra jew de-reġistrata mir-Reġistru tal-Kumpanniji ta' Malta, iżda hija entità ġdida reġistrata fl-Italja. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta kkonkluda li l-oġġezzjoni tar-rikorrent tittratta d-drittijiet tiegħu bħala impjegat tagħha, kif ukoll l-obbligi kuntrattwali tal-kumpannija, u żiedet tgħid li huwa irrilevanti l-oġġezzjoni mressqa dwar xhiex inhi, għaliex ir-Regolamenti ma jipprovdux għas-sospensjoni tal-*istriking off* in vista tan-natura tal-oġġezzjoni partikolari. Is-soċjetà appellanta qalet li dak li kellu jikkonsidra t-Tribunal kien jekk l-oġġezzjoni tagħmilx stat fir-rigward tal-proċess tal-*istriking off,* in kwantu

ma saritx entro t-terminu ta' tliet xhur, u ma saritx b'rikors ġuramentat, kif ukoll jekk l-oġġezzjoni saritx fi stadju fejn is-soċjetà l-ġdida kienet diġà ġiet iffurmata u reġistrata fl-Italja, bil-konsegwenza li s-soċjetà appellanta ma kinitx għadha teżisti. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kellu jikkonsidra wkoll jekk il-proċess tal-*istriking off* kellux jiġi sospiż fi stadju meta l-*merger* kien diġà komplut bir-reġistrazzjoni tas-soċjetà l-ġdida fl-Italja, u jekk hux legalment korrett li l-assi tas-soċjetà appellanta jgħaddu lill-kumpannija l-ġdida meta s-soċjetà appellanta tiġi *struck off.* Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għar-Regolament 18(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 386.12, u qalet li l-assi, flimkien mad-drittijiet u l-obbligi kollha tas-soċjetà appellanta, għaddew lis-soċjetà l-ġdida 3DZ s.p.a. fid-data li fiha seħħ il-*merger,* jiġifieri fit-22 ta' Jannar, 2021.

16. Finalment is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal li r-Reġistratur tal-Kumpanniji għamel emfasi dwar l-implikazzjonijiet legali ta' min jaħdem u ta' min iħaddem, meta n-natura tal-mudell tan-negozju jinbidel jew ikun ser jinbidel. Qalet li l-emfasi tar-Reġistratur tal-Kumpanniji f'dan ir-rigward hija għal kollox irrilevanti, partikolarment meta dan ammetta fix-xhieda tiegħu li kwistjonijiet industrijali ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu. Is-soċjetà appellanta temmet tgħid li l-kompitu tar-Reġistratur kien li jħassar isem is-soċjetà appellanta minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, liema obbligu fil-fatt skatta ferm qabel daħlet l-oġġezzjoni tar-rikorrent.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellat, fir-risposta tiegħu qal li jekk wieħed iħares lejn id-deċiżjoni li ngħatat, jikkonferma li din tikkonċerna l-kompetenza tat-Tribunal sabiex jisma' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà appellanta, u ma tikkonċerna l-ebda kwistjoni oħra. Qal li l-parametri ta' dan l-appell huma definiti mill-kwistjoni sollevata mis-soċjetà appellanta stess, jiġifieri dik dwar il-kompetenza tat-Tribunal kif presedut, u d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-12 ta' Novembru, 2021, fejn iddikjara ruħhu kompetenti sabiex ikompli jisma' l-każ quddiemu.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li dan m'hu minnu xejn, u huwa l-Kap. 452 stess li jagħti s-setgħa u l-kompetenza lit-Tribunal jisma' każijiet bħal dawn, u li għandu l-kompetenza li jisma' l-każijiet kollha relatati ma' tkeċċija inġusta. L-appellat qal li kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà appellanta, m'huwa minnu xejn li t-Tribunal ddeċieda dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanta, iżda qies biss il-possibilità li t-Tribunal eventwalment jiddeċiedi dwar din l-eċċezzjoni. L-appellat qal li tant hu minnu dan, li ma saret l-ebda dikjarazzjoni jew ittieħet deċiżjoni dwar jekk is-soċjetà appellanta hijiex leġittimu kontradittur. Kompla jgħid li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal fil-fatt iddeċieda li huwa għandu l-obbligu u l-awtorità li jisma' u jiddeċiedi każijiet dwar problemi marbuta ma' relazzjoni bħal din, u li huwa l-istruttura legali awtorizzata biex tisma' u tiddeċiedi każijiet bħal dawn.

19. L-appellat qal li lanqas it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta m'għandu jiġi milqugħ, u dan għaliex it-Tribunal għandu kompetenza esklussiva jisma' kawżi dwar tkeċċija inġusta mill-impjieg, irrispettivament minn jekk dawn humiex ta' natura kumplessa jew le. Qal li jekk wieħed joġġezzjona għall-kompetenza tat-Tribunal sempliċement għaliex ikun tal-fehma li n-natura tal-

eċċezzjoni hija waħda legalment kumplessa u speċjalizzata, kif ingħad, dan ma jammontax għal nuqqas ta' kompetenza. L-appellat żied jgħid li, minkejja li s-soċjetà appellanta qegħda ssostni li t-Tribunal m'għandux jisma' din il-kwistjoni, fl-istess ħin ma tagħti l-ebda raġuni konkreta għaliex it-Tribunal m'għandux jisma' l-ewwel eċċezzjoni tagħha. Kompla jgħid li anki d-deċiżjoni li għamlet riferiment għaliha s-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, fl-ismijiet **Luke Engerer *vs.* International Fashion Co. Limited et**[3], ma tneħħix il-kompetenza minn fuq it-Tribunal Industrijali, u l-Qorti f'dak il-każ appellat sabiex il-persuni li jintgħażlu sabiex jippresedu t-Tribunal Industrijali, jkollhom l-esperjenza akkademika meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu dwar il-kwistjonijiet legali li jinqalgħu.

20. L-appellat qal ukoll li t-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta jmur oltre d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, u dan billi d-deċiżjoni appellata tittratta unikament il-kwistjoni tal-kompetenza tat-Tribunal, li jisma' u jiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà appellanta. Qal li t-Tribunal ma daħalx fil-mertu tal-ewwel eċċezzjoni, iżda ħares biss lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, kif kellu dritt u obbligu li jagħmel. Qal ukoll li t-Tribunal ma setax jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-kompetenza mingħajr ma jqis *prima facie* l-elementi tal-każ, u għalhekk id-deċiżjoni hija waħda valida u li ma daħlitx fil-mertu tal-eċċezzjoni. Kompla jgħid li mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad qabel, jibqa' l-fatt li s-soċjetà appellanta ma ġietx *struck off* minn fuq ir-Reġistru u għalhekk dan ifisser li hija fil-fatt il-leġittimu kontradittur li għandha twieġeb dwar it-tkeċċija inġusta *o meno* tiegħu mill-impjieg.

---

[3] App.Inf.,18.11.2019.

21. L-appellat saħaq ukoll li t-talba tas-soċjetà appellanta sabiex din il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħha, mhijiex valida għaliex din l-eċċezzjoni għadha ma ġietx deċiża quddiem il-forum adattat, li huwa t-Tribunal Industrijali. L-appellat staqsa min ser jisma' l-każ tiegħu dwar tkeċċija inġusta f'każ li l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta jintlaqgħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Din il-Qorti sejra tibda biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, li spjegat b'mod aktar ċar x'inhuma l-aggravji tagħha waqt it-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata l-aktar għaliex it-Tribunal ma kkonsidrax l-eċċezzjoni tagħha li bil-mod kif inhu kompost it-Tribunal, jista' jkun li m'hemmx l-idoneità fil-persuna li qegħda tippresedi t-Tribunal, għaliex iċ-*Chairman* attwali m'għandux *background* legali. Is-soċjetà appellanta spjegat li minkejja li l-persuna li qegħda tippresedi t-Tribunal f'dan il-każ għandha għarfien tal-liġi industrijali u anki esperjenza dwar il-mod kif għandhom jiġu deċiżi tilwimiet industrijali, huwa meħtieġ li jkun hemm għarfien aktar speċjalizzat, għaliex il-mertu jikkonċerna *merger* transkonfini, u għalhekk idealment il-persuna li tippresedi jkollha l-għarfien legali neċessarju dwar materja daqstant kumplessa. Il-Qorti qegħda tagħmel dan il-preambolu anki għaliex jista' jkun li fl-appell tagħha s-soċjetà appellanta ma spjegatx x'inhu dak li wassal għall-appell odjern, jew inkella ma kinitx ċara biżżejjed.

*L-ewwel aggravju:* *[il-kompetenza tat-Tribunal]*

23. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-ewwel eċċezzjoni mqajma minnha hija waħda purament legali u teknika, dwar interpretazzjoni ta’ fatti u ta’ liġi dwar il-*mergers* transkonfini, u għalhekk jista’ jagħti l-każ li din il-kwistjoni teżorbita l-kompetenza tat-Tribunal kif kompost. Spjegat li l-aggravju tagħha mhux dwar jekk it-Tribunal Industrijali għandux il-kompetenza li jisma’ t-tilwima bejn il-partijiet, u ċċarat ukoll li hija qatt ma qajmet eċċezzjoni dwar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Qalet iżda li hija xtaqet tkun taf jekk iċ-*Chairman* tat-Tribunal kienx dispost jastjeni milli jisma’ l-każ, ladarba tqajmet lanjanza dwar in-neċessità li min jippresjedi t-Tribunal ikollu għarfien legali speċjalizzat dwar il-*mergers* transkonfini, in vista tan-natura ta’ dan il-każ partikolari.

22. Il-Qorti tqis li bil-mod kif ġie spjegat dan l-aggravju, is-soċjetà appellanta laqgħet tajjeb għat-tħassib li wrew l-appellati meta dawn staqsew liema huwa l-forum kompetenti biex jisma’ l-lanjanza tagħhom dwar it-tkeċċija mill-impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li hija m’għandha l-ebda dubju li l-lanjanza tal-appellati tressqet fil-forum korrett, jiġifieri t-Tribunal Industrijali, f’dan il-każ kienet qegħda tistenna li ċ-*Chairman* li qiegħed jippresedi dawn il-proċeduri partikolari, jgħid jekk huwiex kompetenti biex jisma’ dawn il-proċeduri jew le. Il-Qorti, filwaqt li m’għandha l-ebda dubju li ċ-*Chairman* in kwistjoni huwa kompetenti ferm biex jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta’ tkeċċija mill-impjieg, u dwar ir-relazzjonijiet industrijali b’mod ġenerali, fl-istess waqt tqis li għandu jkun iċ-*Chairman* innifsu li jispjega b’mod ċar, u li jserraħ moħħ is-soċjetà appellanta dwar jekk huwa għandux l-għarfien tekniku legali meħtieġ biex jidħol f’din il-kwistjoni. Il-Qorti, filwaqt li tifhem it-tħassib tas-soċjetà appellanta in vista tan-natura daqstant partikolari tal-każ, tqis li għandu jkun iċ-*Chairman*

innifsu li jippronunzja ruħhu dwar din il-kwistjoni. Il-Qorti tistieden lill-partijiet jifhmu li dak li qiegħed jintalab jagħmilha skomdu ferm għall-Qorti li tiddeċiedi li t-Tribunal kif kompost għandu jew m'għandux jibqa' jisma' l-każ partikolari, u dak li hija disposta li tagħmel il-Qorti, huwa biss li tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni partikolari. Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju limitatament fis-sens li qegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi jekk għandux jibqa' jisma' l-proċeduri odjerni hu, jew inkella għandux ikun hemm kompożizzjoni oħra tal-istess Tribunal li tiddetermina din il-kwistjoni.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal kif kompost mhux kompetenti]*

23. Is-soċjetà appellanta, permezz tat-tieni aggravju tagħha qalet li t-Tribunal kif huwa kompost mhuwiex kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa minnha, u dan għaliex iċ-*Chairman* m'għandux il-*background* legali meħtieġ biex jiddeċiedi dwar kwistjoni daqstant kumplessa u speċjalizzata, li fuq kollox ma tikkonċernax kwistjoni ta' natura industrijali.

24. Din il-Qorti tqis, li filwaqt li hemm istanzi li jitolbu għal speċjalizzazzjoni legali da parti tal-persuna li tkun qegħda tisma' kwistjonijiet marbuta mat-tkeċċija mill-impjieg, m'għandiex tkun din il-Qorti li tiddeċiedi jekk il-kawża odjerna għandhiex tinstema' mit-Tribunal b'kompożizzjoni differenti minn persuna li ġejja mill-qasam legali, ladarba l-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni f'dan ir-rigward. Il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward meta kkunsidrat l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, u diġà tat direzzjoni dwar x'għandu jsir sabiex is-soċjetà appellanta jkollha s-serħan il-

moħħ meħtieġ li l-ġustizzja qegħda ssir, u li min qiegħed jisma' dan il-każ huwa kompetenti biżżejjed biex jagħti ġudizzju dwar l-implikazzjonijiet legali li jemerġu mill-fatti. Din il-Qorti, filwaqt li tagħmel riferiment għad-deċiżjoni ċċitata mis-soċjetà appellanta[4], tirrileva li dik id-deċiżjoni tissuġġerixxi li dwar materji speċjalizzati, it-Tribunal għandu jkun kompost minn *Chairman* b'ċertu għarfien. Madanakollu din il-Qorti mhijiex sejra tiddeċiedi li f'dan il-każ partikolari ċ-*Chairman* tat-Tribunal mhuwiex kompetenti biex jiddeċiedi dwar l-allegazzjonijiet ta' tkeċċija inġusta, iżda qegħda tistieden lill-persuna li tippresedi t-Tribunal f'dan il-każ, li jindirizza t-tħassib tas-soċjetà appellanta f'dan ir-rigward, f'deċiżjoni limitata proprju għal dan il-punt.

*It-tielet aggravju:* *[deċiżjoni legalment żbaljata]*

25. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni appellata mhijiex legalment korretta, u ssostni li t-Tribunal applika l-liġijiet relattivi għall-fatti b'mod skorrett. Qalet li id-deċiżjoni tat-Tribunal kellha tkun li s-soċjetà appellanta m'għadhiex teżisti, u dan b'effett dirett tal-*merger* transkonfini, irrispettivament minn jekk din il-kumpannija nqatgħetx minn fuq ir-Reġistru jew le.

26. Il-Qorti tqis li f'dan l-aggravju, is-soċjetà appellanta spjegat l-iter proċesswali li nbeda minn meta s-soċjetà appellanta ngħaqdet ma' ħames kumpanniji Taljani, bil-ħsieb li tiġi ffurmata kumpannija waħda l-Italja, l-informazzjoni li ngħatat lill-Malta Business Register, l-istedina lill-pubbliku sabiex f'każ ta' xi oġġezzjoni għad-dereġistrazzjoni tas-soċjetà appellanta jsir

[4] Ċitata supra.

rikors ġuramentat entro t-terminu ta' tliet xhur, u l-*email* li l-appellati bagħtu lill-Malta Business Register wara li kienu għaddew it-tliet xhur, sabiex jispjegaw li f'dan il-każ huma ser jippreżentaw każ quddiem it-Tribunal kontra s-soċjetà appellanta. Din l-informazzjoni li nbagħtet lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, wasslet biex dan ħa d-deċiżjoni li l-proċess ta' de-reġistrazzjoni kellu jiġi sospiż. In vista ta' dawn l-okkorrenzi, it-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà appellanta għadha teżisti, ladarba din ma ġietx *struck off.* Il-Qorti tqis li dan il-pronunzjament da parti tat-Tribunal kien irritwali, għaliex dak li kellu jagħmel it-Tribunal huwa li jagħti deċiżjoni preliminari dwar jekk fil-kompożizzjoni attwali tiegħu huwiex kompetenti biex ikompli jisma' dawn il-proċeduri. F'dan l-istadju, minkejja li ġew esebiti għadd ta' dokumenti u anki nstemgħet ix-xhieda ta' Dr Edward Dalmas, it-Tribunal għadu ma semax sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-każ, u f'dan l-istadju ma kienx mistenni li jippronunzja ruħhu dwar jekk is-soċjetà appellanta għadhiex teżisti jew le. Li kien mistenni li jagħmel it-Tribunal kien li jillimita ruħhu għall-pronunzjament dwar jekk huwiex kompetenti biex ikompli jisma' dawn il-proċeduri, xi ħaġa li t-Tribunal naqas milli jagħmel, bir-riżultat li t-Tribunal daħal fil-mertu tal-kwistjoni mingħajr ma sema' l-provi kollha li kellhom f'moħħhom li jressqu l-partijiet, u mingħajr ma sema' s-sottomissjonijiet li riedu jagħmlu. Il-Qorti mhijiex ser tippronunzja ruħha dwar jekk din il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal hijiex legalment korretta jew le, kif donnha qegħda tippretendi s-soċjetà appellanta. Il-Qorti sejra tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal, sabiex dan jiddeċiedi jekk għandux il-kompetenza li jkompli jisma' l-kwistjoni bil-kompożizzjoni tiegħu kif inhi, u sabiex ladarba jiġi stabbilit li l-proċeduri jistgħu jkomplu jinstemgħu, irrispettivament minn min ikun iċ-*Chairman* li jippresedi, il-partijiet jitħallew

iressqu provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet kollha li tressqu, u dan sabiex id-deċiżjoni li tingħata finalment tkun waħda kemm jista' jkun korretta.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tagħha, tiċħad it-tieni aggravju, u tastjeni milli tiddeċiedi dwar it-tielet aggravju, u dan bl-intiża li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal u dan jiddeċiedi jekk il-proċeduri għandhomx jitkomplew jinstemgħu mit-Tribunal bil-kompożizzjoni preżenti tiegħu, u sabiex jiġi assigurat li meta l-proċeduri jitkomplew, jinstemgħu l-provi u s-sottomissjonijiet kollha li jridu jagħmlu l-partijiet.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell, għandhom jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**